# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 4 ta' April 2023**

**Talba numru 107/2022 SFJ**

**Numru 9**

**GLOBAL INSURANCE BROKERS LIMITED**

**(C 9923)**

**vs.**

**THE POPULAR MARKETING LIMITED (C 53146)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' April 2022 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet lil din l-Onorabbli Qorti li:

- *"Previa għal kull dikjarazzjoni opportuna, ir-rikorrenti pprovdew servizzi tat-tigdid tal-licenzja u l-assigurazzjoni lill-intimat, kif jidher fir-rendikont hawn anness u mmarkat DOC A;*
- *Illi l-intimat huwa ghaldaqstant debitur ghall-bilanc pendenti ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (Eur3,494.06);*
- *Illi t-Tribunal huwa umilment mitlub sabiex jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (Eur3,494.06), bl-ispejjes u imghax kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni;*

- *Illi s-socjeta' rikorrenti annettiet mat-talba dokument markat DOK A, li hija invoice minn Global Insurance Brokers Limited lil The Popular Marketing Limited, u din l-istess fattura kienet annessa mal-avviz tat-talba".*

**It-Tribunal ra li s-socjeta' konvenuta giet notifikata permezz tal-pubblikazzonijiet u affissjonijiet u nonostante dan, ma pprezentaw l-ebda risposta.**

**Il-kawza kienet giet diferita ghall-4 ta' April 2023 fin-nuqqas ta' risposta.**

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal u Provi mressqa</u>**

It-Tribunal ra illi sal-4 ta' April 2023, is-socjeta' konvenuta ma pprezentat l-ebda risposta u ghalhekk inghatat is-Sentenza.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***<u>Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***<u>Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa</u>*** deċiża mill-Prim'Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mogħtija mill-Onorevoli Imħallef Christian Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***<u>Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca</u>*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet".

It-Tribunal ra ukoll illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023 xehed Alberto Bisazza, General Manager tas-socejta' attrici, li taħt gurament ikkonferma li s-socjeta' konvenuta hija debtrici lejn is-socjeta' attrici ghas-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (Eur3,494.06).

Ra li fin-nuqqas ta' risposta min-naħa tas-soċjeta' konvenuta, ipproċediet sabiex tagħti sentenza.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl tal-fatt illi s-soċjeta' attriċi kkonfermat illi dan l-ammont huwa dovut, għalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (Eur3,494.06), oltre l-ispejjes u l-imgħax kif indikati fit-talba tal-avviż.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**